# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru tnejn u sebgħin (72) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar is-17 ta' Jannar 2017 fis-6.28pm fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | | |
| | Nikolai Farrugia | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | | |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresediet il-laqgħa u qalet it-talba. Hija qalet illi Michel Farrugia ma setax jattendi u qed ikun skużat.

72.01 Il-Minuti tas-seduta numru wieħed u sebgħin (71) kienu mressqa għall-vot minn Grace Marie Mallia, u kienu sekondati minn Paul Spiteri u dawn kienu approvati b'mod unanimu bil-korrezzjonijiet t'hawn taħt:
71.03.01 Żdiedu il-kelmiet bejn il-kelma 'xita' u 'is-SE' fit-tielet sentenza 'Dan ix-xogħol ma kienx ikkummissjonat mill-KLM' u
71.08 Iddaħħlu l-kelmiet 'Fuq linji gwida provduti mid-Dipartiment Gvern Lokali' flok 'Mil-korrispondenza' fil-bidu tal-ewwel sentenza.

72.03 u 72.04 Punti mill-Minuti u komunikazzjoni mis-Sindku:
Is-Sindku ipproponiet biex issir żjara lil ħabsin rikoverati fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.

Kien hemm kliem ta' tifħir fir-rigward tal-attivitajiet ta' żmien il-Milied organizzati mill-KLM: Quddiesa fil-Parroċċa, *party* tal-Għaqdiet, *party* tat-tfal u l-*istaff dinner*.

Is-Sindku tkellmet dwar Triq George Martin. Hija qalet illi kellha numru ta' lmenti mir-residenti minħabba t-tajn bix-xita li għamlet u pprovat tagħmel kuntatt mal-Perit Matthew Briffa ta' *Transport Malta* mingħajr riżultat.

Fis-6.40pm daħal l-ambaxxatur taż-żgħażagħ.

Is-Sindku semmiet l-ilment persistenti li qed ikun hawn fir-rigward tal-istennija minn vetturi tat-trasport pubbliku fuq il-venda, fil-Pjazza u Triq Karmenu Ciantar, meta dawn suppost qed ikunu fi Triq il-Qrendi.

Is-Sindku qalet illi rċevejna *acknowledgment* minn għand il-Kummissarju tal-Pulizija dwar it-talba tagħna biex jinvestigaw min qed iqassar il-linji s-sofor impenġija fi Triq San Bażilju biex ma jipparkjawx fil-kantuniera.

Charlene Zammit semmiet l-*e-mail* direttiva li tat lill-istaff fir-rigward tal-ilmenti li qed jidħlu fuq il-paġna ta' *facebook* li għadu kemm fetaħ il-KLM. Lista ta' dawn l-istess ilmenti kienet mgħoddija bħas-soltu lill-kunsillieri (*hard copy*).

Is-Sindku qalet illi għandha talba minn xi residenti ta' Triq Santa Katerina biex il-parti li hemm fil-*bottleneck* qrib l-isqaq, issir *one-way.* Il-proposta hija illi mill-Pjazza tal-Knisja sa Triq San Innoċenzju, il-vetturi jkunu jistgħu jgħaddu f'din id-direzzjoni. Din il-proposta saret wara li seħħ inċident li kkawża diversi danni f'vetturi propju ftit tal-ġimgħat ilu peress li djieqet it-triq minħabba bankina li saret minn terzi. Għaldaqstant se ssir konsultazzjoni. Intant is-Sindku saħqet biex ninfurmaw lill-Perit tal-KLM sabiex isir is-*survey* tal-vetturi mitlub mill-LESA fl-istess triq bejn Triq il-Mitħna u Triq il-Pal u ieħor fejn l-Iskola Primarja fi Triq Valletta.

Is-Sindku pproponiet sabiex ikun stabbilit il-kalendarju kulturali. Kien hemm ħafna *brain storming* u deċiżjonijiet li mhux qed jidhru fil-minuti iżda qed jinżammu separatament minħabba l-importanza tagħhom. Il-KLM dam jiddiskuti dawn l-attivitajiet sat-7.45pm.

Kienet sospiża l-laqgħa fis-7.08pm għal tliet minuti biex jitkellem membru tal-udjenza li ġie biss biex jagħmel ilment fuq lampa tad-dawl quddiem il-fond numru 7 fi Sqaq Numru 2, Triq il-Parroċċa.

72.04 Dwar il-laqgħa pubblika li se ssir bħal-llum ġimgħa fl-Isptar il-Qadim, kien approvat il-kontenut tal-*power point show* li juri ħidmet il-KLM għas-sena 2016 u bil-proposti għas-sena 2017.

72.05 Il-kunsillieri kellhom kopja tal-Estimi Annwali 2017 ippreparati mis-SE u l-Accountant. Dawn għandhom ikunu approvati fil-laqgħa li jmiss wara li tkun saret il-laqgħa pubblika.

72.06 Il-Kunsillieri approvaw b'mod unanimu, l-offerta pubblika lill-uniku *bidder* biex jingħata is-servizz tat-tabelli u s-sinjali.

72.07 Il-KLM iddeċieda illi japplika sabiex tintgħażel il-lokalita' tal-Imqabba billi isir *Cultural Tour for the Diplomatic Community*.

72.08 Ma kien hemm l-ebda ċirkulari mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali partikolarment għall-attenzjoni tal-kunsillieri.

72.09 Dwar il-Performance Bonus 2016 tal-impjegati, is-Sindku staqsiet diversi mistoqsijiet dwar l-andament tax-xogħol tal-iskrivani lis-SE. Hu qal illi bix-xogħol li hawn fil-Muniċipju huwa sodisfatt b'dak li jagħtu dawn l-impjegati. Hu qal illi wara kollox waħda minnhom għalkemm hija *full time* tagħmel żewġ nofs ta' nhari fil-ġimgħa fil-librerija. Intant is-Sindku qalet illi huwa importanti illi dawn juru aktar inizjattiva u indipendenza. Fir-rigward tal-*performance bonus* tas-SE ma kienx hemm dubji mil-kontribut li jagħti filwaqt illi l-mozzjoni biex jingħata l-*performance bonus* sħiħ lil Anthony Bonello, Valerie Galea u Kylie Fenech kienet proposta minn Grace Marie Mallia u sekondata minn Anita Farrugia u approvata b'mod unanimu.

72.10 Fir-rigward ta' Miżura 4.4, kien hemm qbil fost il-kunsillieri illi din tkun skartata u niffukaw l-aktar fuq Miżura 4.3, ta' asfaltar ta' toroq rurali. Dwar tal-ewwel is-SE kien diġa' beda jimla' l-applikazzjoni biex jinbnew ħitan tas-sejjieħ fi Triq Ħal Kirkop u dwar l-asfaltar tat-toroq rurali hemm numru ta' toroq fil-lista.

72.11.01 Mill-korrispondenza,is-Sindku semmiet messaġġ fuq il-paġna tal-KLM fuq *facebook* tas-Sur Elvin Sciberras li offra li jikkoreġġi l-ħarġiet tal-fuljett futuri mill-iżbalji tal-malti u tal-ortografija.

72.11.02 Is-Sindku qalet illi kien hemm xi ħadd li talabna li nagħmlu l-korsijiet fil-għodu. Hija qalet illi tajjeb li naraw jekk insibux konkorrenza ftit aħjar minn dik tal-kors mingħajr ħlas bl-isem *Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar* biex norganizzaw kors fil-beading jew crafts, fl-ewwel kwart tas-

sena.

72.11.03 Grace Marie Mallia qalet illi għad hemm diversi lmenti fir-rigward tal-kuntrattur tal-lampi tat-toroq. Semmiet il-każ ta' meta qed imur lura l-arloġġ tal-ġnien f'Misraħ Missjoni ż-Żgħira.

72.11.04 Grace Marie Mallia qalet illi l-*istaff* irid ikun aktar flessibbli għal min japplika f'diversi attivitajiet fosthom il-*party* tat-tfal tal-Milied. Hija qalet li wara kollox kien hemm ġugarelli aktar minn biżżejjed.

72.13 Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 526.

72.14 Il-laqgħa tal-KLM li jmiss se ssir nhar is-7 ta' Frar fis-6.00pm filwaqt li din il-laqgħa intemmet fit-8.30pm.

Anthony Bonello approvati minn Dr Charlene Zammit
Segretarju Eżekuttiv Sindku